# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. NOEL ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar It-Tlieta, 8 ta' Mejju, 2001.**

**Numru 1**

**Citaz. numru 639/89 AM**

**Christine Podesta' u l-Avukat Dottor Malcolm Pace f'isimhom proprju u Carmelo Farrugia u l-Avukat Dottor Malcolm Pace bhala diretturi u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Pabros Limited.**

**vs**

**L-Onorevoli Ministru tal-Finanzi u Emanuel A. Bonello C.P.A.A.**

**Il-Qorti;**

**<u>L-ATT TAC-CITAZZJONI</u>**

L-atturi proprio et nomine pprocedew kontra l-Onorevoli Ministru tal-Finanzi u Emanuel A. Bonello personalment quddiem l-allura Qorti tal-Kummerc b'dan l-att tac-citazzjoni :-

"Il-Qorti,

L-atturi nomine ippremettew illi permezz ta' Notifikazzjoni tal-Gvern Numru 654 mahruga fil-5 ta' Novembru 1985 (Gazzetta tal-Gvern Numru 14497) taht il-Banking Act 1970 il-pubbliku gie avzat illi l-Onorevoli Ministru konvenut ordna illi Emanuel Bonello C.P.A.A jkollu s-setghat, il-funzjonijiet u d-dmirijiet kollha tal-kumpanija 'Pabros Limited', bl-eskluzjoni ta' kull persuna ohra, u illi dan ghandu jirrealizza l-attiv tal-istess kumpanija; u

Illi Artikolu 18 (3) (b) tal-Att jghid illi meta persuna tigi nominata skond il-paragrafu (c) jew (d) tal-Artikolu 18 (1), din il-persuna jkollha dawk is-setghat, funzjonijiet u dmirijiet il l-Ministru jista’ jordna dwar dik il-propjeta' u dawk is-socjetajiet ditti jew kummerc iehor

(a) kif il-Ministru jista jispecifika, u

(b) li fihom il-bank ikollu interess, sew direttament sew indirettament, inkluz kull interess etc.,; u

Illi l-Artikolu 18 (3) (c) jghid li l-persuna nominata skond xi wiehed mill-imsemmija paragrafi jkollha s-setgha li tehtieg lil kull persuna ohra biex tipprovdiha b'dawk il-facilitajiet tal-istess inciz jispecifika;

u

Li skond l-Artikolu 18 (1) jekk ikun jidher lill-Ministru tal-Finanzi illi Bank ikun qed imexxi hazin, il-Ministru jista:

(a) taht is-subartikolu (c) jinnomina persuna biex tiehu f'idejha l-attiv tal-Bank;

(b) taht is-subartikolu (d) jinnomina persuna biex tiehu f'idejha l-kontroll tal-kummerc tal-Bank; u

Li n-Notifikazzjoni msemmija ghalkemm tghid li l-ordni gie moghti skond l-Artikolu 18 tal-Att imsemmi, cioe', wiehed ghandu jifthem, in konnessjoni ma’ xi Bank, ma tghidx liema Bank hu involut u

Li l-istess Notifikazzjoni tghid biss li l-ordni qed tigi moghtija lill-konvenut Emanuel Bonello, cioe' fil-kwalita tieghu personali u ma tghidx li l-ordni giet lilu moghtija bhala xi persuna nominata ghall-finijiet tal-Artikolu 18 (1) (c) jew (d) tal-Att imsemmi u
Li l-istess Notifikazzjoni ma tghidx li din l-ordni giet moghtija ghaliex hemm xi Bank li ghandu interess f'Pabros Limited; u

Li, ghal dawn ir-ragunijiet in-Notifikazzjoni msemmija ma tissoddisfax il-vot tal-ligi ghaliex hi nieqsa minnha nfisha minn dawk ir-rekwisiti li jawtorizzaw lill-Onor Ministru johrog ordni simili ghal dak li hareg

Talbu ghalhekk dina l-Qorti tiddikjara u tiddeciedi illi:

(1) In-Notifikazzjoni tal-Gvern Numru 654 tal-1985 fuq imsemmija hija nieqsa minn rekwisiti essenzjali skond il-ligi;

(2) Per konsegwenza, l-ordni moghtija lill-konvenut Emanuel Bonello fl-istess Notifikazzjoni hija neffikaci, nulla u bla ebda effett, u li

Il-konvenut Emanuel Bonello jigi minn din il-Qorti inibit milli jezercita kwalunkwe setgha, funzjoni jew dmir li jappartjeni lid-ditta nstanti.

B'riserva ta'kull azzjoni ghad-danni kontra il-konvenuti solidament bejniethom u ta' kull azzjoni ohra, anke ta'natura kostituzzjonali."

## ECCEZZJONIJIET

Il-konvenut l-Onorevoli Ministru tal-Finanzi hekk eccepixxa ghat-talbiet attrici :-

"1) Preliminarjament, illi n-notifikazzjoni tal-gvern numru 654 mahruga fil- 5 ta'Novembru, 1985 (Gazzetta tal-Gvern numru 14497) kienet intenzjonata ghal informazzjoni ta' kulhadd simplicement fis-sens illi Dott.Carmelo Mifsud Bonnici B.A. LL.D, li kien gie nominat mill-Ministru tal-Finanzi u Dwana biex jassumi kontroll tan-negozju tal-kumpaniji li jidhru hemm taht, talab biex ma jkomplix b'dik in-nominu, u dan ai termini tad-disposizzjoni tal-proviso ghall-Artiklu 18 (3) (b) li, fost affarijiet ohra, jipprovdi illi fejn il-Ministru huwa tal-fehma li kollha jew uhud mis-setghat, funzzjonijiet u doveri ghal liema d-direttiva tal-Ministru hija intenzzjonata, ikunu ezercitabbli minn u vestiti f'tali persuna ohra li tigi nominata ghal dan l-iskop b'eskluzjoni tal-persuni l-ohra kollha.

2) Illi minn imkien ma jirrizulta li qatt xi darba giet allegata, wisq inqas kontestata, in-nuqqas ta' validita' tan-notifikazzjoni tal-

Gvern, li taghha n-notifikazzjoni tal-Gvern riferita fic-citazzjoni odjerna hija l-aventi kawza, u li biha kienet originarjament sehhet in-nomina ta' Dottor Carmelo Mifsud Bonnici.

3) Illi, fi kwalunkwe kaz, id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 18 tal-Banking Act, 1970, jaghmluha bhala rikjesta fondamentali l-indikazzjoni ta'dawk il-kumpaniji, socjetajiet ditti jew kummerc iehor li l-persuna li il-Ministru joghgbu jinnomina ghandu fuqhom is-setghat, funzzjonijiet u dmirijiet, liema indikazzjoni saret fil-kaz odjern, u minn imkien ma jirrizulta xi obbligu legali, taht pena ta' nullita', li jigi indikat il-Bank li ghandu interess f'xi socjeta kummercjali partikolari.

4) Illi, kuntrarjament ghal dak allegat mill-atturi nomine, huwa ovvju li l-poteri relativi li gew moghtija lis-Sur Emanuel Bonello C.P.A.A. ma gewx moghtija lilu f'xi kwalita' diversa minn dik tieghu personali jew professjonali, kif rifless fil-fatt illi l-istess atturi nomine harrku lis-Sur Emanuel Bonello f'dina l-istess kwalita'.

5) Illi, fl-ahharnett u dejjem in via preliminari in-notifikazzjoni tal-Gvern imsemmija fic-citazzjoni mhiex rikjesta bhala formalita' ghall-validita' tan-nomina ta' Emanuel Bonello bhala sostitwit ta' Dottor Carmelo Mifdus Bonnici.

6) Illi, ghalhekk, id-domandi attrici ghandhom jigu michudin bl-ispejjez.

7) Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Il-konvenut Emanuel A. Bonello hekk minn naha tieghu eccepixxa ghat-talbiet attrici :-

"1. Preliminarjament in-nulllita tal-proceduri presenti. Din il-kawza giet intavolata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili u id-dikjarazzjoni hemm annessa maghha hija fil-Qorti tal-Kummerc u l-esponenti gie notifikat b'din ic-citazzjoni minghajr lanqas biss ma kellha numru fuqha. Ma din ic-citazzjoni l-esponenti irceva, imwahhal maghha, l-avvis ghas-smiegh tal-kawza li igib in-numru 639/89/CS liema Avviz huwa dak tal-Qorti tal-Kummerc. Kwindi ghalhekk dawn il-proceduri huma nulli u bla ebda effett legali.

2. Bla pregudizzju ghall-premess in kwantu it-talbiet attrici huma proposti minn Christine Podesta proprio dawn ghandhom jigu respinti bl-ispejjes stante illi din it-tip ta' kawza tista tigi

proposta biss, se mai, minn zewgha bhala il-kap tal-Komunjoni tal-Akkwisti esistenti bejniethom, billi ilu tispetta l-amministrazzjoni tal-istess.

3. Bla pregudizzju ghall-premess u subordinatament illi in kwantu it-talbiet attrici huma proposti mill-atturi personalment dawn ghandhom jigu respinti bl-ispejjes billi l-atturi proprio ma ghandhom ebda interess guruidiku jistitwixxu din l-azzjoni.

4. Bla pregudizzju ghall-premess illi in kwantu din il-kawza hija proposta mid-diretturi tas-socjeta Pabros Limited, apparte li l-hatra taghhom hija kontestata, din ma tistax treggi stante li r-rappresentanza guridika tas-socjeta ma tinvestiex fihom izda f'isem il-Kontrollur, skond il-ligi, u ghaldaqstant l-azzjoni kif u minn min proposta ma tistax treggi.

5. Bla pregudizzju u fil-mertu l-esponenti jissottometti illi it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-atturi stess, fi proceduri ohra li istitwew kontra l-esponenti u haddiehor, huma harkuh bhala kontrollur tad-diversi socjetajiet imsemmija fin-Notifikazzjoni tal-Gazzetta tal-Gvern numru 654, hawn esibita bhala Dokument 'A' u cioe dik bazi tal-kawza attrici u dejjem irritenew illi tali nomina kienet tajba u legali u kwindi allura ma jistghux l-atturi, dejjem jekk ghandhom dritt ta' azzjoni, issa jispigolaw lis-socjeta PABROS LIMITED u ghidu li in-nomina tal-esponenti hiha nieqsa minn rekwiziti essenzjali mill-ligi u allura ineffikaci, nulla u bla ebda effett. Jekk stess kien hekk, l-atturi, bil-fatt li gia agixxew f'kawzi ohra abbazi tal-istess Notifazzjoni u hatra kontra il-kontrollur/konvenut, irratifikaw li tali nomina kienet legali u effikace.

6. Salvi eccezzjonijiet ohra."

**<u>VERBAL TAS-27 TA' OTTUBRU, 1989</u>**

F'dik is-seduta gie verbalizzat illi Dottor Mark Said (ghall-konvenut Ministru tal-Finanzi) ikkjarifika li l-eccezzjoni tieghu a fol. 9 tal-process kienet limitata ghall-konvenut Onorevoli Ministru tal-Finanzi. Gie wkoll verbalizzat fl-istess udjenza illi Dottor Joseph Schembri ghall-konvenut l-iehor (Bonello) rtira l-ewwel eccezzjoni preliminari. Gie inoltre

verbalizzat li “billi prima facie’ l-kwistjoni nvoluta tidher li kienet wahda ta' natura purament legali, l-Avukat tal-partijiet qablu li jaghmlu noti ta’ osservazzjonijiet u li l-kawza tibqa’ ghas-sentenza wara l-ezami ta’ l-istess noti u trattazzjoni finali, salv jekk tinqala’ n-necessita’ li jigu prodotti xi xhieda”. Dawn in-noti effettivament gew prezentati.

**DECIDE**

B’sentenza tat-12 ta’ Ottubru 1992, l-allura Qorti tal-Kummerc iddecidiet il-kawza “billi tilqa’ it-tieni u r-raba’ eccezzjonijiet tal-konvenut Bonello, u tichad it-tielet eccezzjoni ta’ l-istess konvenut in kwantu diretta kontra l-attur l-Avukat Dottor Malcolm Pace u tilqaghha in kwantu diretta kontra l-attrici Christine Podesta’ u tichad il-hames eccezzjoni ta’ l-istess konvenut. Tilqa’ l-hames eccezzjoni tal-konvenut l-Onorevoli Ministru tal-Finanzi u konsegwentement tiddikjara li n-notifikazzjoni tal-Gazzetta tal-Gvern imsemmija fic-citazzjoni ma kienitx rikjesta bhala formalita’ ghall-validita’ tan-nomina tal-konvenut Emanuel Bonello bhala sostitut ta’ Dottor Carmelo Mifsud Bonnici u ghalhekk tichad it-talbiet attrici. L-ispejjez kellhom jigu sopportati skond ir-rispettivi rebh u telf.

**MOTIVAZZJONI TAS-SENTENZA APPELLATA**

L-ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha :-

“Illi hija sejra tghaddi l-ewwel biex tinvesti l-eccezzjonijiet tal-konvenut Emanuel A. Bonello;

Kif ga' gie rilevat l-ewwel eccezzjoni preliminari tieghu giet irtirata u ghalhekk hija mhiex ser tiehu aktar kosjizzjoni taghha;

It-tieni eccezzjoni hija dwar il-locus stardi in indicio' ta' l-attrici Christine Podesta proprio;

Illi dwar din l-eccezzjoni, l-attrici issottomettew:-

Illi ghar-rigward it-tieni eccezzjoni tal-konvenut Bonello, l-esponenti jirrelevaw illi attwalment l-ishma ta'Christine Podesta' fis-socjeta' attrici ma jifformawx parti mill-komunjoni tal-akkwisti stante illi kienet akkwistat l-ishma taghha madwar sitt snin qabel ma izzewget meta kienet ghada xebba, u skond il-ligi dawn jifformaw parti mill-beni parafernali taghha u hija il-mara il ghandha it-treggijja u il-tgawdija tal-beni parafernali taghha skond l-artikolu 1340 tal-kodici civili (Kap 16).

Illi skond id-dispozzjonijiet tal-kodici civili (Kap 16) kif emendat bl-Att numru XLVI tal-1973, il-mara ma ghandhiex bzonn aktar l-assistenza taghha partikolarment ghal dak illi jirrigwardja u jaffettwa il-propjeta' taghha.

Illi l-attrici Christine Podesta' proprio ghandha kull dritt skond il-ligi tippromwovi din il-kawza u tagixxi nome proprio wahedha minghajr l-assistenza ta' zewgha u it-talbiet attrici ma jolqtux l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti izda dawk tal-beni parafernali taghha.

Ghal dawn is-sottomissjonijiet, il-konvenut Bonello issottometta:-

“Illi in kwantu jirrigwarda it-tieni eccezzjoni u cioe dik li l-attrici Christine Podesta ma tistax tipproponi kawza simili stante li hija mara mizzewga u se mai tali kawza tista tigi proposta biss mir-ragel, bhala il-kap tal-komunjoni tal-akkwisti, l-atturi ghamlu riferenza ghall-artikolu 1340 tal-Kodici Civili (Kap 16).

Bir-rispett kollu huwa veru li dan l-artiklu jghid illi il-mara ghandha t-trigija u t-tgawdija tal-beni parafernali taghha' u ma hemmx dubbju, pero, illi (avolja ghadha ma ingabet ebda prova illi Christine Podesta akkwistat dawn il-shares meta kienet ghadha Pace, cioe qabel ma izzewget) dan l-artikolu tal-ligi ma jistax jinqara isolatament mill-artikolu 1338 (2) tal-istess Kodici u cioe li l-artikoli kollha ta' wara dan japplikaw BISS META MA JKUNX HEMM KOMUNJONI TAL-AKKWISTI. L-atturi ma humiex qed jghidu illi bejn Christine Podesta u bejna zewgha ma tissustiex

din il-Komunjoni u ghalhekk in  mankanza ta' prova dwar dan il-fatt, isegwi illi bejniethom tissuti il-Komunjoni tal-Akkwisti,. Il-Ligi ghalhekk tghid illi meta ikun hemm il-Komunjoni tal-Akkwist, u il-frott tal-beni parafernali jifforma parti mill-istess Komunjoni (Art 1321 (e)) ir-ragel ghandu ir-rappresentanza taghha u huwa hu li jista jesercita azzjoni simili ghal dik attrici.

Ghal dawn is-sottomissjonijiet, l-atturi irreplikaw:-

Illi rigward it-tieni eccezzjoni skond l-artiklu 1321 (6) tal-Kodici Civili (Kap 16), fil-komunjoni tal-akkwisti jidhlu il-frottijiet tal-beni tal-mara fosthom ukoll dawk tal-beni tad-dota sew jekk il-beni kienu ghand il-mara minn qabel iz-zwieg sew jekk ikunu missewha wara iz-zwieg. L-ishma ta' Christine Podesta' fis-socjeta' attrici mhumiex frottijiet tal-beni tal-mara minn qabel iz-zwieg izda huma beni parafernali tal-mara proprju u mhux frottijiet ghaliex din il-kawza ma tirrigwardax il-jedd ghal xi dividends mill-ishma fis-socjeta' izda l-interess tal-attrici tirrigwarda proprju l-'ownership' ta'dawk l-ishma u mhux 'the fruit of the right to such ownership'.

Illi ghalhekk l-ishma tal-attrici ma jiffornawx parti mil-komunjoni tal-akkwisti.

Illi inoltre  skond l-Artikolu 1322 (2) tal-kodici civili (Kap 16) ma jidhlux fil-komunjoni tal-akkwisti il-hwejjeg li messew lill-mara bis-sahha ta' titolu ta'qabel iz-zwieg.

Illi jirrizulta car fir-Registru tas-Socjetajiet illi l-ishma ta'Christine Podesta' li huma registrati f'isimha kienu taghha meta kienet ghada xebba u snin qabel ma izzewget, liema data taz-zwieg jirrizulta ukoll mir-Registru Pubbliku.

Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju l-attrici giet awtorizzata mir-ragel taghha li tistitwixxi din il-kawza stante illi huwa ta' spiss ikun assenti ghaliex ikun imsiefer fuw xoghol ta'sikwiet.

Fil-fehma tal-qorti hija valika s-sottomissjoni tal-konvenut Bonello li d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 1340 tal-Kodici Civili, invokat mill-atturi, japplikaw, skond l-artikolu 1338(2) ta' l-istess kodici, meta ma jkunx hemm komunjoni ta' l-akkwisti. L-atturi m'humiex qed ighidu li bejn l-attrici Christine Podesta zewgha ma hemmx il-komunjoni ta' l-akkwisti. Issa, ladarba m'hiex eskluza l-komunjoni ta'l-akkwisti, skond l-artikolu 1327 ta'l-istess Kodici, l-amministrazzjoni tal-beni parafernali tal-mara, illi l-frottijiet taghhom, skond mid-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 1321 ghandhom jidhlu fil-komunjoni, tmiss lir-ragel. L-atturi ukoll ma

giebu ebda prova li l-frottijiet tal-beni in kwistjoni ma ghandhomx jidhlu fil-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn l-attrici u zewgha.

Ghalhekk, assumendo li l-beni in kwistjoni huma parafernali, billi bejn l-attrici Christine Podesta u zewgha tezisti l-komunjoni ta' l-akkwisti u l-frottijiet ta'dawn il-beni parafernali jidhlu fil-komunjoni ta' l-akkwisti, huwa r-ragel li skond l-artikolu 1327, ghandu l-amministrazzjoni ta' l-istess beni;

Konsegwentament l-eccezzjoni in disamia hija legalment fondata u ghandha tigi milqugha;

Ikkonsidrat dwar it-tielet eccezzjoni ta' l-istess konvenut li, l-atturi issottomettew:-

Illi huma proprio et nomine ghandhom kull interess guridiku jinstitwixxu din l-azzjoni bhala azzjonisti f'din is-socjeta u qedghin jizerritaw id-drittijiet taghhom bhala 'minority shareholders' skond il-ligi stante li:

(i) 'the persoal rights of the plaintiff shareholders have been infringed and the wrong to the plaintiffs could not be rectified by ordinary resolution of the company;

(ii) That those who control the company are perpetrating a fraud on the monority;

(iii) that the defendant controller is acting ultra vires and contrary to the terms of reference of his appointment and is abusng his powers;

(iv) that the plaintiff shareholders can sue the defendant in the interests of justice;

(v) and that what the plaintiffs complained of could not be validly or ratified by an ordinary resolution."

Dwar dan, l-istess konvenut issottometta:-

Illi in kwantu l-azzjoni hija proposta mill-atturi personalment, minghajr pregudizzju ghal dak li intqal fuq fir-rigard tal-azzjoni kif proposta mill-attrici Christine Podesta, l-esponenti jaslu biex jaqblu illi l-azzjoni kif proposta minn Dr.Malcolm Pace personalment, pero bhala azzjonista tas-socjeta attrici, tista' treggi.

Fil-fehma tal-Qorti din is-sottomissjoni tal-istess konvenut hija valida u li ghalhekk it-tielet eccezzjoni in kwantu diretta kontra l-

attur Dottor Malcolm Pace f'ismu proprju hija michuda, izda hija milqugha fil-konfront tal-attrici Christine Podesta u dan ghall-motivi fuq spjegati ghar-rigward tat-tieni eccezzjoni;

Ikkonsidrat dwar ir-raba eccezzjoni ta' l-istess konvenut illi l-atturi issottomettew;

Illi d-diretturi tas-socjeta' Pabros Limited gew validament mahtura skond il-ligi u ghandhom kull interess guridiku u dritt jippromwovu din l-azzjoni partikolarment stante illi l-esponenti qieghdin jikkontestaw il-validita' tal-hatra tal-konvenut Bonello bhala kontrollur tas-socjeta’ attrici u ghalhekk qed isostnu li huma ghandhom ir-rapprezentanza guridika tas-socjeta’.

Illi inoltre huwa inkoncepibbli illi l-konvenut Bonello jipprocedi kontra tieghu nnifsu fic-cirkostanzi biex jikkontesta l-validita’ tal-hatra tieghu stess.”
Illi dwar dan, il-konvenut Bonello issottometta “illi in kwantu ghar-raba’ eccezzjoni tieghu u cioe’ li l-atturi ma ghandhomx ir-rapprezentanza guridika tas-socjeta’ attrici billi din tinvesti biss fl-esponenti u f’hadd izjed, ghamel riferenza ghas-sentenza moghtija minn dina l-Qorti fl-ismijiet “Cecil Pace pro et noe vs Emanuel Bonello” (Citazz. Nru. 145/89MB) deciza minn dina l-Qorti diversament presjeduta fl-14 ta’ Dicembru 1989, fejn gie ritenut illi r-rapprezentanza guridika tas-socjeta’ attrici tinvesti biss fil-Kontrollur u f’hadd izjed u dan a tenur tal-artikolu 18 tal-Banking Act tal-1970. Huwa ghalhekk illi t-talbiet attrici in kwantu huma diretti mid-diretturi tas-socjeta’ Pabros Limited ma jistghu qatt jigu milqugha.

Illi huwa jhoss illi f’dan l-istadju tal-proceduri huwa ma ghandux jidhol fil-mertu jekk l-atturi gewx nominati diretturi tas-socjeta’ attrici validament. Huwa jirriserva d-dritt li jgib prova fuq dan fi stadju ulterjuri tal-kawza jekk ikun mehtieg. Ghal mument huwa jibqa’ jissottometti illi tali nomina tal-atturi hija skorretta u inneffikaci.”

L-atturi rreplikaw :-

“Illi rigward ir-raba’eccezzjoni tal-konvenut Bonello dwar ir-rapprezentanza guridika tas-socjeta’ attrici ghalkemm l-atturi huma konxi mis-sentenza moghtija minn dina l-Qorti fl-14 ta’ Dicembru 1989 (Citazz. Numru 145/89/MB), izda l-atturi jirrilevaw illi jekk il-hatra tal-kontrollur fis-socjeta’ Pabros Limited mhix valida u hija nulla skond il-ligi allura certament Emanuel A. Bonello m’ghandux ir-rapprezentanza guridika ta’ din is-socjeta’ li tinvesti fid-diretturi taghha.

Illi s-socjeta' imsemmija fis-sentenza tal-14 ta' Dicembru 1989 ma kkontestax f'dik il-kawza, kif qeghda tigi kkontestata f'din il-kawza mis-socjeta' Pabros Limited, illi l-hatra tal-kontrollur hija nulla ghar-ragunijiet imsemmija fic-citazzjoni.

Illi d-diretturi tas-socjeta' Pabros Limited gew validament mahtura u huma registrati bhala diretturi mar-Registratur tas-Socjetajiet skond id-disposizzjonijiet tal-Commercial Partnerships Ordinance ta' 1962.

Illi bir-rispett kollu kull socjeta' ghandha personalita' guridika diversa minn kwalsiasi socjeta' ohra u anki jekk is-socjetajiet l-ohra msemmija fil-Legal Notice 654 ma kkontestawx il-validita' tan-nomina tal-kontrollur, jista' jaghti l-kaz illi s-socjetajiet l-ohra kellhom ir-ragunijiet taghhom ghaliex fil-kaz taghhom jista' jkun illi ghandhom overdraft ma' xi Bank waqt illi s-socjeta' Pabros Limited ma ghandhiex taghti lill-ebda Bank.

Illi anki jekk stess fil-kawza numru 162/89CS l-atturi prezenti harrku lill-konvenut Bonello bhala kontrollur tas-socjeta' Malta & Europe Hotels Limited bilfors hekk kellhom jaghmlu stante illi s-socjeta' Malta & Europe Hotels Limited qatt ma kkontestat in-nomina tal-kontrollur, u in mankanza ta' xi kontestazzjoni minn naha ta' dik is-socjeta', l-atturi prezenti ma kellhomx alternattiva ghaliex ma tispettax lilhom biex jikkontestaw il-hatra tal-kontrollur f'socjeta' li fiha la huma azzjonisti u anqas diretturi u m'ghandhom ebda interess fiha."

Illi dwar din ir-raba' eccezzjoni ta' l-istess konvenut ghandu jinghad li proprju ghaliex l-attur Dottor Malcolm Pace qed jigi ritenut, bhala azzjonista, li ghandu interess guridiku jistitwixxi l-azzjoni odjerna m'ghandux ghalfejn jistitwixxi wkoll l-azzjoni bhala direttur tal-istess socjeta', ghaliex ma hemmx bzonn, kif ukoll ghaliex ma jistax jaghmel dan peress li sakemm ma jigix deciz xort'ohra, l-konvenut Bonello huwa vestit bir-rapprezentanza gudizzjarja ta' l-istess socjeta' bhala Kontrollur taghha. Bin-nomina tal-Kontrollur id-Diretturi ma ghandhomx vestiti bir-rapprezentanza tas-socjeta', anke kieku ghall-grazzja ta' l-argument huma kienu gew nominati diretturi validament.

Ghalhekk ir-raba' eccezzjoni ta' l-istess konvenut Bonello hija legalment fondata u ghanda tigi milqugha.

Ikkunsidrat dwar il-hames eccezzjoni tal-konvenut Bonello illi huwa ssottometta illi jekk wiehed ihares lejn id-diversi kawzi istitwiti minn Cecil Pace jew Henry Pace kif ukoll minn Dottor Malcolm Pace kontra tieghu u li huma pendenti kontra tieghu quddiem din il-Qorti, anke kif presjeduta, wiehed isib illi huwa

dejjem gie "mharrek bhala kontrollur ta' xi socjeta' jew ohra u qatt ma gie kontestat jekk il-hatra tieghu kienitx valida jew le. Hekk per ezempju fil-kawza numru 146/89/JDC Cecil Pace u Henry Pace f'isimhom proprio u bhala diretturi ta' M.I.D.C. Ltd harrku lill-esponenti kemm f'ismu proprio kif ukoll "bhala kontrollur u ghan-nom u in rapprezentanza ta' Malta & Europe Hotels Limited u bhala Direttur u ghan-nom u in rapprezentanza ta' GHF Limited". Fil-kawza numru 162/89CS l-atturi presenti u cioe' Christine Podesta' u Dr. Malcolm Pace harrku lill-esponenti f'ismu proprio "u bhala kontrollur u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Malta & Europe Hotels Limited u bhala Direttur u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' GHE Limited." Fil-kawzsa numru 174/89CS Cecil u Henry Pace harrku lill-esponenti f'ismu proprio "u bhala kontrollur tal-Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited u tas-socjetajiet V.I.P. Limited u President Hotels Limited". Fil-kawza numru 235/89/CS l-esponenti gie mharrek f'ismu proprio "u bhala kontrollur tal-Bank of Industry Commerce and Agriculture Limited u tas-socjeta' Tigullio Limited". In-numru tal-kawzi huwa twil wisq biex wiehed joqghod jaghmel lista intiera tal-kawza kollha pendenti quddiem dawn il-Qrati.

Huwa ghalhekk inkoncepibbli illi l-atturi jaghzlu din is-socjeta' minn sittax-il socjeta' ohra. L-avviz tal-gazzetta tal-Gvern numru 654 jelenka sbatax-il kumpanija – jekk in-nomina tal-esponenti fis-socjetajiet l-ohra ma giet qatt kontestata, azni l-atturi u/jew Cecil u Henry Pace harrku lill-esponenti fil-kwalita' tieghu ta' kontrollur ta' dawk is-socjetajiet l-ohra ma jistghux issa jigu 'l quddiem u jghidu li n-nomina tal-esponenti f'din is-socjeta' hija nieqsa mir-rekwiziti skond il-ligi u ghalhekk ineffikaci, nulla u bla ebda effett. Jew in-nomina tieghu f'kollox hija nulla jew f'xejn."

Illi dwar dan l-atturi ssottomettew :-

"Illi ghar-rigward il-hames eccezzjoni kuntrarjament ghal dak allegat mill-kontrollur Bonello, l-esponenti pro et noe jirrilevaw illi huma dejjem ikkontestaw il-hatra ta' kontrollur fis-socjeta' Pabros Limited u kienu kkontestaw ukoll mill-bidu nett anke l-hatra tal-kontrollur precedenti u dawn il-proceduri ghadhom pendenti.

Illi jidher car illi l-konvenut Bonello huwa zbaljat ghaliex mhux veru xejn illi l-esponenti harkuh bhala kontrollur ta' diversi socjetajiet ohra msemmija fin-notifikazzjoni tal-Gvern Numru 654 u l-esponenti f'din il-kawza qatt ma rritenew fi kwalsiasi proceduri ohra illi tali nomina kienet tajba u legali ghar-rigward din is-socjeta' jew kwalsiasi socjeta' ohra."

Ikkonsidrat :-

Illi huwa validu l-argument tal-imsemmi konvenut li jekk in-nomina tieghu bhala Kontrollur tas-socjeta' Pabros Limited hija nulla minhabba d-difetti fl-Avviz Numru 654, tali nomina hija nulla wkoll fir-rigward tas-socjetajiet l-ohra koperti bl-istess Avviz li qed jigi impunjat f'din il-kawza. Pero' li ma jsegwix huwa l-argument tieghu li jekk l-atturi jew uhud minnhom istitwew kontra tieghu kwazi ohra bhala Kontrollur ma jistghux issa jghidu li n-nomina tieghu bhala Kontrollur ta' wahda minn sbatax-il (17) kumpanija hija nulla. Fil-fehma tal-Qorti dan l-ahhar argument tal-konvenut mhux validu legalment peress li n-noma tal-Kontrollur hija 'di ordini pubblico' u l-kwistjoni dwar in-nomina mhux xi haga li tinteressa biss lill-atturi u lill-Kontrollur, ghalhekk l-atturi ma jistghux jissanaw l-allegata nullita' tan-nomina la espressament u lanqas ma jistghu jigu ritenuti li rrinunzjaw tacitament billi ipprocedew kontra l-konvenut bhala Kontrollur. L-atturi m'humiex in grad legalment li jirratifikaw l-allegata nullita' tan-nomina tal-konvenut Bonello bhala Kontrollur. Jekk, ghall-grazzja tal-argument, in-nomina tal-Kontrollur hija nulla, l-fatt li gew istitwiti kontra tieghu kawzi ohra f'dik il-kwalita', 'se mai' jistghu jwasslu ghan-nullita' ta' dawk il-procedimenti u mhux li jipprekludi lill-atturi odjerni milli jimpunjaw in-nomina. In-nullita' allegata mill-atturi hija bazata fuq il-pretensjoni taghhom li n-Notifikazzjoni 'de qua' hija nieqsa mir-rekwiziti essenzjali li tesigi l-ligi. Ghalhekk, kieku kellu jirrizulta li t-talba attrici hija fondata n-nullita' tkun trid tigi sanata minn min skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Kummerc Bankarju ta' l-1970 (Kap 215) ghandu d-dmir jottempra ruhu mal-ligi biex in-nomina tal-Kontrollur issir validament a tenur ta' l-istess Att. Anke fil-kamp civili, fl-istitut ta' l-obbligazzjonijiet li jirregola r-rapport bejn il-partijiet kontraenti nsibu fl-artikolu 1230 tal-Kodici Civili (Kap 16) li r-ratifika ta' att li l-ligi espressament tannulla minhabba nuqqas tal-formalitajiet mehtiega ma tissanax l-att meta r-ratifika ma ssirx bl-att li jkollu l-formalitajiet kollha mehtiega sabiex kien ikun validu l-att li jigi ratifikat. Mela jekk l-allegazzjoni ta' l-atturi hija n-nuqqas ta' rekwiziti essenzjali, l-posizzjoni tista' tigi sanata billi dawk ir-rekwiziti jigu osservati. 'Multo magis' meta r-rapporti guridici bejn l-atturi u l-konvenut Bonello m'humiex bazati fuq xi obbligazzjoni kontrattata bejniethom liberament u li tirrigwarda lilhom biss.

Ghalhekk il-hames eccezzjoni tal-konvenut Bonello hija legalment insostenibbli u ghandha tigi michuda.

Ikkonsidrat dwar l-eccezzjonijiet tal-konvenut l-iehor l-Onorevoli Ministru tal-Finanzi, li l-atturi ssottomettew :-

"Illi ma jistghax jinghad illi n-notifikazzjoni tal-Gvern Numru 654 mahruga fil-5 ta' Novembru 1985 (Gazzetta tal-Gvern Numru

14497) kienet intenzjonata sempliciment ghall-informazzjoni ta' kulhadd izda tolqot ukoll proprju l-hatra ta' Emanuel A. Bonello bhala kontrollur ta' Pabros Limited, liema hatra l-esponenti qeghdin jimpunjaw.

Illi tant hu hekk illi t-tieni paragrafu tal-Legal Notice 654 ikompli jghid illi "Id-Deputat Prim'Ministru u Ministru tal-Finanzi u Dwana accetta din it-talba u bis-sahha tas-setghat moghtija lilu taht l-artikolu 18 tal-Att ta' 1970 dwar il-Kummerc Bankarju, wara konsultazzjonijiet mal-Bank Centrali ta' Malta, nnomina lis-Sur Emanuel A. Bonello M.I.A., C.P.A.A., biex jassumi s-setghat, il-funzjonijiet u d-dmirijiet kontemplati taht l-artikolu 18 tal-Att tal-1970 dwar il-Kummerc Bankarju, bl-eskluzjoni ta' kull persuna ohra, rigward il-kumpaniji li jidhru hawn taht" li jinkludu s-socjeta' Pabros Limited.

Illi inoltre kuntrarjament ghat-tieni eccezzjoni li biha gie allegat illi minn imkien ma jirrizulta li qatt xi darba giet allegata, wisq anqas kontestata, n-nuqqas ta' validita' tan-notifikazzjoni tal-Gvern u li biha kienet originarjament sehhet in-nomina ta' Dottor Carmelo Mifsud Bonnici, l-esponenti jirrilevaw illi kienet saret kawza minnufih wara l-allegat hatra ta' l-ewwel kontrollur u jaghmlu riferenza ghall-kawza Cit. Nru. 875/74 li ghada ma gietx deciza u ghada pendenti sallum.

Illi b'riferenza ghat-tielet eccezzjoni hija assurda s-sottomissjoni tal-konvenut fuq imsemmi illi huwa fondamentali illi jigi indikat l-isem tas-socjeta' li dwarha l-Ministru jinnomina kontrollur skond id-disposizzjonijiet tal-artikolu 18 tal-Banking Act 1970 u mill-banda l-ohra mhux importanti li jigi indikat l-isem tal-Bank li ghandu interess f'tali socjeta'.

Illi l-esponenti proprio et nomine jissottomettu bir-rispett illi l-fatt li hija rikjesta fondamentali tal-artikolu 18 tal-Banking Act 1970 illi jigi ndikat l-isem tas-socjeta' li taghha qed jigi nominat kontrollur, multo magis huwa anzi aktar essenzjali wkoll li jigi ndikat l-isem tal-Bank in kwistjoni.

Illi l-konvenut donnu jrid jaghti l-impressjoni illi kien hemm Bank wiehed biss jezisti fi zmien il-hatra tal-konvenut Bonello li certament mhux il-kaz ghaliex kien hemm diversi banek fosthom il-Mid Med Bank Limited, il-Bank of Valletta Limited, l-Investment Finance Bank Limited kif ukoll Lombard Bank (Malta) Limited.

Illi wisq aktar rilevanti huwa l-fatt illi proprju fiz-zmien tal-allegat hatra tal-ewwel kontrollur kien hemm diversi banek u istituzzjonijiet finanzjarji li kienu f'diffikultajiet finanzjarji fosthom in-National Bank of Malta, Tagliaferro Bank, Sciclunas Bans,

Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited, Apostleship of Prayer Savings Bank, City and County Bank, Mutual Unit Trust, Mediterranean Investment Fund u ebda wiehed minn dawn il-banek ma ghadu miftuh ghall-pubbliku. Anke l-Barclays Bank spicca f'Malta u sar minfloku l-Mid Med Bank Limited.

Illi l-esponenti proprio et nomine jissottomettu illi l-validita' o meno tal-hatra ta' Emanuel A. Bonello skond il-legal notice 654 ta' 1985 jiddependi wkoll fuq il-validita' o meno tal-legal notice 617 ta' 1974 meta kienet saret il-hatra tal-kontrollur precedenti peress illi Bonello issostitwixxa lil Mifsud Bonnici, izda lanqas fil-legal notice 617 tal-1974 ma gie indikat l-isem tal-Bank u ghalhekk lanqas dik il-hatra ma kienet valida bil-mod li saret.

Illi biex l-artikolu 18 tal-Att tal-1970 jaghmel sens u biex issir nomina taht dan l-artikolu ta' kontrollur ta' xi socjeta', huwa sine qua non biex tali hatra tkun valida u effikaci illi jidi ndikat l-isem tal-Bank kif ukoll tas-socjeta' kkoncernata.

Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju, l-esponenti proprio et nomine jirrilevaw illi anki jekk stess il-legal notice 654 hija wkoll intenzjonata ghall-informazzjoni tal-pubbliku, n-nomina ta' Emanuel A. Bonello ma jista' jkollu l-ebda effett legali fil-konfront ta' terzi u partikolarment ghall-pubbliku in generali sakemm tali hatra tkun valida u jigi ndikat skond id-disposizzjonijiet tal-Att ta' 1970 dwar il-Kummerc Bankarju u tal-Artikolu 18 l-isem tal-Bank in kwistjoni.

Illi ghar-rigward ir-raba' eccezzjoni l-esponenti jaqblu mal-konvenut fuq imsemmi illi l-inkarigu ta' Emanuel A. Bonello bhala kontrollur tas-socjeta' koncernata gie moghti lilu fil-kwalita' tieghu personali, izda biex hatra taht l-artikolu 18 ikun validu u effettiv hemm bzonn l-ewwel nett illi jkun hemm hatra ta' kontrollur fil-Bank ikkoncernat u li jigi ndikat ukoll l-isem ta' dan il-Bank ghaliex ir-raguni 'il ghala jigi mahtur kontrollur ta' socjeta' skond il-ligi huwa minhabba illi Bank ikollu nteress f'dik is-socjeta'.

Illi la l-legal notice 654 tal-1985 u lanqas il-legal notice 617 tal-1974 ma tghid li l-hatra u l-ordni bhala kontrollur tas-socjeta' in kwistjoni giet lilu moghtija bhala xi persuna nominata ghall-finijiet tal-artikolu 18 (1) (c) jew (d) tal-Att tal-1970 imsemmi.

Illi dawn il-legal notices ma jghidux li l-hatra giet moghtija ghaliex hemm xi Bank li ghandu nteress fis-socjeta' in kwistjoni.

Illi l-esponenti jissottomettu bir-rispett illi n-notifikazzjoni tal-Gvern imsemmija fic-citazzjoni hija necessarja bhala formalita' ghal validita' tan-nomina ta' Emanuel A. Bonello bhala sostitut tal-

kontrollur precedenti ghaliex ukoll b'hekk biss tali hatra tista' tingieb a formali konjizzjoni tal-pubbliku in generali u terzi biex tali hatra tkun valida u tibda tapplika fil-konfront tas-socjeta' u ta' terzi."

IL-konvenut Onorevoli Ministru tal-Finanzi rrisponda billi ssottometta :-

"1. Illi riferribilment ghall-hames paragrafu tan-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-esponent jigi ribadit, fl-ewwel lok, illi minn imkien ma jirrizulta mill-Banking Act (Kap 215) illi hija rikjesta 'ad validitatem' xi notifikazzjoni tal-Gvern ghan-nomina ta' xi persuna, originali jew in sostituzzjoni, ghall-finijiet tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 18 tal-imsemmi Kap 215. F'dan il-kuntest japplika l-principju fondamentali legali 'ubi lex voluit dixit'. Di fatti, mill-istess Kapitolu 215, jirrizulta illi fejn il-ligi riedet 'ad validitatem' in-notifikazzjoni tal-Gvern rigwardanti l-pubblikazzjoni tal-karta tal-bilanc u tal-kont tal-qliegh u telf, jew is-setgha biex jigu estizi disposizzjonijiet tal-istess ligi, dina stabbilit u espressament (Ara Artikoli 19 u 27 (1) u (2) tal-Kap 215).

2. Illi, fit-tieni lok, galadarba l-meritu fil-kawza odjerna jitratta allegazzjoni ta' nuqqas ta' validita' ta' notifikazzjoni tal-Gvern, illi fiha nnifisha hija wahda konsegwenzjali ghal u hija msejsa esklussivament fuq il-presunzjoni tal-validita' ta' notifikazzjoni antecedenti tal-Gvern, u jirrizulta illi n-nuqqas ta' validita' ta' dina ta' l-ahhar b'ebda mod ma giet ippruvata, allura t-talbiet tal-atturi qatt ma jista' jkollhom xi kawzali fin-nuqqas ta' xi bazi legali f'dan is-sens. Fil-fatt, fil-fatti specie tal-kaz odjern, kull ma gara kien li l-esponent kien tal-fehma li kull setgha, funzjoni jew dmir kif kontemplat bil-ligi in kwistjoni u kif moghtija u mposti fuq Dr. Carmelo Mifsud Bonnici legalment, jigu ezercitabbli mill-konvenut l-iehor Emanuel Bonello, cioe' dik il-persuna l-ohra nominata mill-esponent in sostituzzjoni u ghall-istess skop ai termini tal-artikolu 18 (3) (b) (i) tal-Kapitlu 215.

3. Illi l-atturi proprio et nomine jilmentaw mill-fatt illi n-notifikazzjoni in kwistjoni tghid biss li l-Ordni qed tigi moghtija lill-konvenut Emanuel Bonello u ma tghidx li l-ordni giet lilu moghtija bhala xi persuna nominata ghall-finijiet tal-artikolu 18 (1) (c) jew (d) tal-Att dwar il-Kummerc Bankarju. Illi f'dan ir-rigward l-esponent umilment jissottometti illi s-setghat moghtija lilu ghall-finijiet tal-imsemmi Artikolu 18 jaghtuh il-fakolta' li jipprocedi b'xi wiehed jew izjed mil-modi stabbiliti bl-artikolu 18 (1) (a) sa (i).
Il-presunzjoni legali ghanda tkun illi sakemm l-esponent ma jkunx illimita b'mod espress il-proceduri adottati minnu (bhal, per ezempju, li kieku ghazel li jinnomina persuna biex taghmilha biss ta' stralcjarju ghall-likwidazzjoni tal-affarijiet tal-Bank u Art. 18 (1)

(h)) is-setghat u proceduri effettivament adottati minnu huma dawk kollha possibilment kontemplati bil-Kap 215. Dan kollu johrog car mid-dicitura wzata fil-paragrafu kwalifikattiv li jsegwi mmedjatament id-disposizzjoni tal-Artikolu 18 (1) (i). Mhux hekk biss, imma lanqas ma kien hemm ghalfejn ghall-grazzja tal-argument u kif erroneament jippretendu l-atturi proprio et nomine, illi n-Notifikazzjoni in kwistjoni tghid li l-ordni giet moghtija lill-konvenut l-iehor Emanuel Bonello bhala persuna nominata ghall-finijiet tal-Artikolu 18 (1) (c) jew (d), u dana ghaliex is-setghat, funzjonijiet u dmirijiet, inkluza r-rapprezentanza legali u gudizzjarja, emergenti mill-Artikolu 18 (3) (b), huma applikabbli, fi kwalunkwe kaz, kemm fil-kaz li kieku n-nomina saret biss ghall-fini tal-Artikolu 18 (1) (c) kif ukoll fil-kaz li dik in-nomina tkun saret biss ghall-fini tal-Artikolu 18 (d). Dan, ghal darb'ohra, johrog car mill-premessa kontenuta fl-Artikolu 18 (3) (b), il-persuna nominata bil-mod hemm kontemplat, ghanda 'ex lege' u 'sic et simpliciter' kummercjali bankarja minghajr ebda htiega ta' xi kwalifika kif ordnata mill-Ministru responsabbli ghall-finanzi.

4. Illi l-atturi proprio et nomine qed jitolbu dikjarazzjoni ta' nullita' tal-ordni moghtija lill-konvenut Bonello peress, li, ghalkemm dina nghatat in konnessjoni ma' xi Bank, ma tghidx liema Bank hu nvolut. Jigi rilevat, ghal darb'ohra, illi minn imkien ma jirrizulta mill-Att dwar il-Kummer Bankarju illi huwa mehtieg 'ad validitatem' illi l-esponent kien tenut li jindika il-Bank li ghandu interess fis-socjeta' kummercjali odjerna. Kull ma kien tenut l-esponent, abbazi tal-Artikolu 18 (3) (b) tal-Kap 215, huwa semplicement li kellu jindika l-kumpaniji, socjetajiet, ditti jew kummerc iehor, kif effettivament kien ghamel fin-Notifikazzjoni tal-Gvern originali, u li taghha n-notifikazzjoni tal-Gvern riferita fic-citazzjoni odjerna hija l-aventi kawza, u kif effettivament kien rega' specifika fin-notifikazzjoni tal-Gvern, meritu tal-kawza odjerna. Dan minghajr ma wiehed joqghod jidhol fl-import legali tad-definizzjoni tal-kelma "Bank" ghall-finijiet tal-Att dwar il-Kummerc Bankarju u kif emergenti mill-istess Att.

Il-posizzjoni legali fil-konfront tal-esponent, ghalhekk, tibqa' li l-uniku obbligu, bhala rikjesta fondamentali, li kellu, kien biss li jispecifika s-socjetajiet, ditti jew kummerc, izda lanqas ma kien obbligat li jispecifika b'xi modalita' forma jew procedura espressament stabbilita jew ordnata 'ad hoc' a tenur tal-istess ligi. Dan il-punt jista' jigi apprezzat ferm aktar jekk wiehed jikkontrastah mal-posizzjoni tal-esponent fejn jista' <u>jipprocedi b'xi wiehed jew izjed mill-modi kontemplati bl-Artikolu 18 (1).</u>

Ghal dawn il-motivi kollha, l-esponent jissottometti umilment illi l-eccezzjonijiet tieghu ghandhom jigu pjenament akkolti minn dina l-Onorabbli Qorti, bl-ispejjez kontra l-atturi proprio et nomine."

L-atturi rreplikaw :-

“Illi meta l-Ministru tal-Finanzi jkollu l-intenzjoni li jinnomina xi persuna ghal finijiet tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 18 tal-Att ta’ 1970. Dwar il-kummerc Bankarju (Kap 215) tali hatra biex tkun valida trid tigi manifestata bil-pubblikazzjoni ta’ tali hatra permezz ta’ Legal Notice fil-Gazzetta tal-Gvern kif del resto huwa li l-iskop ta’ Legal Notices simili skond il-ligi.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju mhux bizzejjed skond il-ligi illi fin-nomina ta’ kontrollur mill-Ministru tal-Finanzi jinghad biss illi certu persuna Emanuel Bonello qieghed jassumi s-setghat, il-funzjonijiet u d-dmirijiet kontemplati taht l-Artikolu 18 tal-Att ta’ 1970 dwar il-Kummerc Bankarju bl-eskluzjoni ta’ kull persuna ohra rigward il-kumpanija Pabros Limited, kif hemm fil-Legal Notice Numru 654 tal-5 ta’ Novembru 1985.

Illi r-rekwiziti tal-ligi stess u partikolarment l-Artikolu 18 tal-Att ta; 1970 dwar il-Kummerc Bankarju jirrikjedi l-ewwel nett illi jkun hemm Bank illi jkollu interess f’tali kumpanija.

Illi inoltre dak il-Bank li ghandu interess f’tali kumpanija ghandu jigi indikat liema Bank huwa.

Illi hemm bzonn fin-nomina li jigi indikat jekk dik il-persuna nominata gietx mahtura taht paragrafu (c) jew paragrafu (d) tas-sub artikolu (1) tal-Artikolu 18 tal-Att ta’ 1970 dwar il-Kummerc Bankarju.

Illi inoltre ghandu jigi specifikat taht liema paragrafu tas-sub artikolu (1) tal-Artikolu 18 fuq imsemmi dik il-persuna giet nominata.

Illi r-riferenza fil-hatra ghall-sempliciment l-artikolu 18 tal-Att ta’ 1970 huwa vag wisq u generiku u mhux bizzejjed.

Illi l-Ministru tal-Finanzi ma jistghax jinnomina kontrollur ta’ kwalsiasi kumpanija li fiha kwalunkwe Bank ghandu interess izda hemm bzonn ukoll illi f’dak il-Bank ikun hemm diga’ persuna mahtura taht paragrafu (c) jew paragrafu (d) tas-sub artikolu (1) tal-Artikolu 18, liema persuna hadet f’idejha l-assi tal-Bank jew assuma l-kontroll tan-negozju ta’ dak il-Bank kif kontemplat fl-Artikolu 18 (1).

Illi fil-hatra tal-kontrollur ta’ Pabros Limited la hemm indikazzjoni li hemm Bank li ghandu interess f’dik il-kumpanija, la huwa indikat liema Bank ghandu nteress f’dik il-kumpanija u lanqas huwa

ndikat jekk dik il-persuna nominata giex mahtura taht paragrafu (c) jew paragrafu (d) ta' sub artikolu (1) tal-Artikolu 18 tal-Att ta' 1970 dwar il-Kummerc Bankarju, jew taht liema paragrafu minnhom.

Illi ghalhekk in-nomina ta' Emanuel Bonello biex jassumi s-setghat, il-funzjonijiet u d-dmirijiet tal-kumpanija Pabros Limited ma tissodisfax il-vot tal-ligi ghaliex hija nieqsa minnha nfisha minn dawk ir-rekwiziti li jawtorizzaw lill-Ministeru tal-Finanzi johrog ordni simili ghal dak li hareg.

Illi per konsegwenza l-ordni moghtija mill-Ministru tal-Finanzi lill-konvenut Emanuel Bonello u n-nomina tieghu bhala kontrollur hija innefikaci, nulla u bla ebda effett skond il-ligi.

Illi lanqas qatt ma gie indikat jew stabbilit x'interess kwalsiasi Bank ghandu fil-kumpanija Pabros Limited.

Illi l-konvenut Emanuel Bonello qatt ma talab lill-kumpanija Pabros Limited biex din il-kumpanija thallas xi flus lil xi Bank u dana ghas-semplici raguni li m'hemm l-ebda Bank li ghandu interess fil-Pabros Limited u Pabros Limited ma ghandha taghti l-ebda flus lill-ebda Bank.

Illi ghalhekk Emanuel Bonello ghandu jigi inibit minn dina l-Onorabbli Qorti milli jezercita kwalunkwe setgha, funzjoni jew dmir li jappartjeni lill-kumpanija imsemmija.

Illi anki n-nomina tal-kontrollur precedenti ma tissodisfax il-vot tal-ligi ghax hija wkoll nieqsa minnha nnifisha minn dawk ir-rekwiziti li jawtorizzaw lill-Ministru tal-Finanzi johrog ordni simili ghal dak li hareg u ghalhekk tali nomina wkoll hija ineffikaci, nulla u bla ebda effett skond il-ligi.

Illi kuntrarjament ghal dak allegat mill-konvenut fuq imsemmi, assolutament mhux minnu skond il-ligi li l-uniku obbligu bhala rikjesta fondamentali li kellu l-Ministru tal-Finanzi kien biss li fin-nomina ta' kontrollur ta' kumpanija jispecifika s-socjetajiet, ditti jew kummerc.

Illi biex il-Ministru tal-Finanzi jkun jista' jipprocedi b'xi wiehed jew izjed mill-modi kontemplati bl-artikolu 18 hemm bzonn li dejjem jigi specifikat that liema sub artikolu jew paragrafu qieghed jagixxi skond il-ligi."

Ikkonsidrat :-

Fil-meritu, t-tezi attrici hi li n-Notifikazzjoni jew Avviz Numru 654, li kopja tieghu tinsab ezebita a fol. 19 tal-process, ma tissodisfax il-vot tal-ligi ghax hi nieqsa minnha nfisha minn dawk ir-rekwiziti li jawtorizzaw lill-Onorevoli Ministru tal-Finanzi johrog ordni simili ghal dak mahrug u per konsegwenza l-ordni moghtija lill-konvenut Bonello fl-istess Notifikazzjoni hija innefikaci, nulla u bla effett u li konsegwentement il-konvenut ghandu jigi inibit milli jezercita kwalunkwe setgha, funzjoni jew dmir li jappartjeni lis-socjeta' attrici.

Fil-fehma tal-Qorti, l-ewwel ma trid tigi investita hija n-natura tan-Notifikazzjoni in disamina u cioe' jekk il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern hix rikjesta "ad validitatem" ghan-nomina tal-Kontrollur, kif jippretendu l-atturi, jew hix semplici mezz ta' informazzjoni, kif jippretendi l-konvenut l-Onorevoli Ministru tal-Finanzi.

Jigi rilevat li l-atturi ma ndikaw ebda disposizzjoni specifika ta' l-Att dwar il-Kummerc Bankarju tal-1970 (Kap 215) li ssostni t-tezi taghhom dwar in-natura tal-imsemmija notifikazzjoni. Minn ezami ta' l-stess ligi minn imkien ma jirrizulta dak li jippretendu l-atturi u cioe' li hija rikjesta xi notifikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern biex tkun valida n-nomina ta' xi persuna, originali jew in sostituzzjoni, ghall-finijiet tad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 18 ta' l-imsemmi Kap 215. Kif sewwa rrileva l-konvenut Ministru tal-Finanzi "ubi lex voluit dixit" u fejn il-ligi riedet li issir il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern dan galitu bhal, per ezempju, ma jinghad fl-Artikoli 19 u 17 (1) u (2) ta' l-istess Att. Anzi, ghandu jinghad li l-ligi in disamina lanqas biss timponi l-obbligu tas-semplici pubblikazzjoni meta l-Ministru jinnomina persuna ghal xi wahda mill-modi li l-Ministru tal-Finanzi jista' jipprocedi bihom skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 18. Huwa minnu li l-pubblikazzjoni saret u li anke jekk kienet intiza biss ghall-informazzjoni tal-pubbliku hija, fil-fehma tal-Qorti, wisq lakonika u missha specifikat almenu b'liema mod jew modi kien qed jipprocedi l-Ministru responsabbli ghall-finanzi u anke messi issemma' l-Bank involut biex il-pubbliku jinghata informazzjoni adegwata.

Pero', jekk in –nomina taht id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 18 ma tiddependix ghall-validita' taghha mill-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ebda nuqqas fil-pubblikazzjoni ma jista' jwassal biex tirnexxi t-talba attrici ghad-dikjarazzjoni ta' nullita' tan-nomina tal-konvenut Bonello bhala Kontrollur.

Ma hemm ebda disposizzjoni fl-Att li n-nomini li jsiru mill-Ministru taht id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 18 iridu jsiru permezz tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern, jew li tali pubblikazzjoni trid issir b'certi rekwiziti, jew li f'nuqqas ta' osservanza ta' tali

> rekwiziti, jew li f'kaz ta' nuqqas ta' pubblikazzjoni jew pubblikazzjoni tkun monka, hemm komminata n-nullita' tan-nomini li jsiru skond id-disposizzjonijiet fuq citati.
>
> Lanqas ma tista' taffettwa n-nomina tal-Kontrollur attwali l-pubblikazzjoni li kienet saret meta kien gie nominat il-Kontrollur precedenti, galadarba, kif inghad, il-validita' tan-nomina ma tiddependix mill-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern."

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

Minn din is-sentenza appella biss il-konvenut l-Avukat Dottor Malcolm Pace f'ismu proprju u bhala Direttur u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Pabros Limited. L-atturi l-ohra Christine Podesta' personalment u Carmelo Farrugia qua Direttur u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Pabros Limited m'appellawx minnha. Konsegwentement is-sentenza ghaddiet fil-konfront taghhom in gudikat. Din il-Qorti ezaminat l-aggravju ta' dan l-appellant proprio et nomine fid-dawl tal-motivazzjoni tas-sentenza appellata u ssib li dawn ma kienu jipprezentaw l-ebda punt tad-dritt illi jpoggi fid-dubbju l-konsiderazzjonijiet ta' ligi li ghamlet l-ewwel Qorti biex waslet ghad-decizjoni taghha.

Is-sentenza appellata infatti tistrieh hafna fuq citazzjonijiet minn-noti sottomessi mill-partijiet biex tillustra l-argumenti guridici li ssottomettew il-kontendenti lill-ewwel Qorti in sostenn tat-tezijiet rispettivi taghhom. L-aggravju tal-appellant proprio et nomine f'dan l-appell infatti jirrifletti s-sottomissjonijiet li ghamel quddiem l-ewwel Qorti u li gew minnha

konsidrati u decizi u dan jista' jigi facilment stabbilit b'konfront semplici bejn ir-rikors tal-appell u n-nota tas-sottomissjonijiet imsemmija. L-appellant jikkontesta infatti d-decizjoni tal-ewwel Qorti illi filwaqt illi hu kellu personalment interess guridiku jistitwixxi l-azzjoni ma kellux ghalfejn jistitwixxi wkoll l-istess azzjoni bhala Direttur tas-socjeta'. Hu ma jaqbilx dak li sostniet l-ewwel Qorti illi sakemm jigi deciz mod iehor, il-konvenut Bonello kien vestit bir-rapprezentanza gudizzjarja tas-socjeta' bhala kontrollur taghha u konsegwentement is-socjeta' ma kienitx ghadha rapprezentata mid-Diretturi taghha anke jekk jigi koncess li dawn kienu Diretturi validament nominati. Din il-Qorti ma tarax kif wiehed jista' ma jaqbilx mal-konsiderazzjoni tal-ewwel Qorti f'dan ir-rigward. Ma kien hemm l-ebda dubbju illi sakemm ma jigix stabbilit gudizzjarjament proprju f'azzjoni tax-xorta intavolata fil-prezenti istanza illi l-konvenut Bonello ma kienx gie validament mahtur kontrollur tas-socjeta' li taghha l-konvenut appellant kien Direttur u r-rapprezentanza guridika tal-istess socjeta' ex lege kienet vestita unikament fl-istess kontrollur. Rapprezentanza guridika li kienet ukoll necessarjament testendi ghar-rapprezentanza di stare in gudizio. Kien ovvju illi l-atturi nfushom kienu qeghdin jitliqu mill-premessa illi kien il-konvenut Bonello illi kien bil-ligi nominat biex jikkontrolla, u allura jirrapprezenta, lis-socjeta' li taghha l-appellant kien Direttur tant li huma qeghdin jikkontendu li tali nomina saret illegalment.

Filwaqt li hu minnu illi l-ligi ma tizvestax direttament lid-Diretturi validament nominati mill-hatra taghhom mhux eskluz li dawn jibqa' jkollhom relazzjoni mal-azzjonisti tas-socjeta', certament il-ligi kienet ezawtorat lill-istess Diretturi minn kull forma ta' awtorita' fl-amministrazzjoni tas-socjeta' jew fir-rapprezentanza guridika taghha. Ma setghux allura l-istess Diretturi jagixxu gudizzjarjament qua rapprezentanti tal-istess socjeta' ghax dawn gew bil-ligi espressament ezawtorati milli hekk jaghmlu. Zgur allura illi l-atturi Pace u Farrugia ma kellhom ebda jedd illi jagixxu gudizzjarjament ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' attrici. Jista' wkoll jinghad illi dan l-aspett tal-kawza kien ftit jew wisq akkademiku in kwantu l-kontestazzjoni dwar il-validita' tal-hatra tal-konvenut Bonello bhala kontrollur, una volta giet mill-ewwel Qorti ammessa li ssir mill-attur appellant Dottor Malcolm Pace personalment, kien ifisser illi l-mertu kollu ta' din il-kwistjoni kien ser jigi eppurat fuq l-istess kawzalijiet premessi ghat-talbiet attrici b'kontestazzjoni li tibqa' valida ghall-atturi kollha rrispettivament mill-investi illi fiha agixxew.

Huwa veru li mhux eskluz illi l-persuni li jigu mahtura bhala Diretturi setghu jkunu differenti mill-azzjonisti proprju imma dan il-fatt bl-ebda mod ma jbiddel il-principji guridici applikabbli in materja. In oltre una volta hu pacifiku illi d-Diretturi kienu jirrapprezentaw lis-socjeta' bil-mandat lilhom moghti mill-istess azzjonisti, l-interess tal-istess socjeta' u tal-istess azzjonisti kien aktar minn tutelat mill-fatt illi din il-Qorti

rrikonoxxiet id-dritt tal-azzjonisti illi jikkontestaw gjudizzjarjament in-nomina ta' kontrollur estranju biex jamministra l-beni tas-socjeta'. Naturalment hu ovvju li kieku kellha tigi tentata b'success l-azzjoni prezenti u tigi dikjarata mill-Qorti invalida n-nomina tal-kontrollur, d-Diretturi tas-socjeta' jakkwistaw mill-gdid il-poteri taghhom anzi ghall-korrettezza jkun aktar preciz li jinghad jitqies illi qisu huma qatt ma tilfu dawk il-poteri li jigu fihom pjenament reintegrati. Dan pero' ma seta' qatt isehh jekk mhux qabel ma tigi deciza fil-mertu kawza tax-xorta taht ezami. Dan l-aggravju qed jigi ghalhekk respint.

L-aggravju fil-mertu hu fis-sens illi l-ewwel Qorti wara li njorat l-ewwel erba' eccezzjonijiet tal-konvenut Ministru tal-Finanzi, laqghet il-hames eccezzjoni tieghu u ddikjarat li n-notifikazzjoni tal-gazzetta tal-Gvern imsemmija fic-citazzjoni ma kienitx rikjesta bhala formalita' ghall-validita' tan-nomina tal-konvenut Emanuel Bonello bhala sostitut tal-Avukat Dottor Carmelo Mifsud Bonnici u ghalhekk cahdet it-talbiet attrici. L-atturi f'dn il-kawza qeghdin jikkontestaw l-validita' tan-notifikazzjoni tal-Gvern numru 654 mahruga fil-5 ta' Novembru 1985 in forza tal-Banking Act 1970. F'dan l-Avviz Legali l-pubbliku gie avzat illi l-Ministru tal-Finanzi, konvenut f'din il-kawza, kien ordna li l-konvenut l-iehor Bonello jkollu s-setghat, il-funzjonijiet u d-dmirijiet kollha tal-kumpanija Pabros Limited, bl-eskluzjoni ta' kull persuna ohra, u illi dan ghandu skond l-istess ligi jirrejalizza l-attiv tal-istess kumpanija. L-atturi jsostnu illi ma kienux gew osservati f'din in-nomina provvedimenti tal-

artikolu 18 tal-Banking Act. L-argument legali li fuqu l-atturi ibbazaw it-talba taghhom hu minnhom hekk espost fid-dikjarazzjoni taghha annessa mal-att tac-citazzjoni.

"1. Permezz ta' Notifikazzjoni tal-Gvern numru 654 mahruga fil-5 ta' Novembru 1985 taht il-Banking Act 1970 (Gazzetta tal-Gvern numru 14497) il-pubbliku gie avzat illi l-Onor. Ministru konvenut ordna illi Emanuel Bonello C.P.A.A. jkollu s-setghat, l-funzjonijiet u d-dmirijiet kollha tal-kumpanija "Pabros Limited", bl-eskluzjoni ta' kull persuna ohra, u illi dan ghandu jirrealizza l-attiv tal-istess kumpanija.

2. L-Artikolu 18 (3) (b) tal-Att imsemmi jghid illi, meta persuna tigi nominata skond il-paragrafu (c) jew (d) tal-Artikolu 18 (1), din il-persuna jkollha dawk is-setghat, funzjonijiet u dmirijiet li l-Ministru jista' jordna dwar dik il-proprjeta' u dawk is-socjetajiet ditti jew kummerc iehor

(a) kif il-Ministru jista' jispecifika, u
(b) li fihom il-Bank ikollu interess, sew direttament sew indirettament, inkluz kull interess etc.

3. L-Artikolu 18 (3) (c) jghid li l-persuna nominata skond xi wiehed mill-imsemmija paragrafi jkollha s-setgha li tehtieg lil kull persuna ohra biex tipprovdiha b'dawk il-facilitajiet li l-istess inciz jispecifika.

4. Skond l-Artikolu 18 (1) jekk ikun jidher lill-Ministru tal-Finanzi illi l-Bank ikun qed imexxi hazin, il-Ministru jista' :-

(a) taht is-sub artikolu (c) jinnomina persuna biex tiehu f'idejha l-attiv tal-Bank.

(b) taht is-sub artikolu (d) jinnomina persuna biex tiehu f'idejha l-kontroll tal-kummerc tal-Bank.

5. In-Notifikazzjoni tal-Gvern 654/85 tghid biss li skond l-Artikolu 18 tal-Att imsemmi l-Ministru ta' certi poteri rigward Pabros Limited lis-Sur Emanuel Bonello C.P.A.A. Punto fermo.

6. L-istess Notifikazzjoni ma tghidx li dawn il-poteri qed jigu moghtija in konnessjoni ma' xi Bank partikolari, lanqas tghid li gew moghtija lis-Sur Emanuel Bonello C.P.A.A. f'xi kwalita' diversa minn dik tieghu personali jew professjonali, u lanqas

> tghid li s-Sur Emanuel Bonello C.P.A.A. hu xi persuna nominat taht l-inciz (c) jew (d) tal-Artikolu, bis-sahha tan-nomina tieghu taht (c) u mhux taht (d), jew viceversa, jew taht it-tnejn flimkien.
>
> 7. L-istess Notifikazzjoni, la darba ma ssemmi l-ebda Bank, u lanqas l-ebda kwalita' specjali tas-Sur Emanuel Bonello C.P.A.A., ma setghatx ovvjament issemmi li hemm xi Bank li ghandu interess fid-ditta Pabros Limited.
>
> 8. Stante li m'hemm ebda Bank imsemmi, l-atturi, lanqas kieku jridu, ma jistghux jaghmlu istanza biex juru li m'hemmx l-interess li donnu ghandu f'rasu l-konvenut l-Onor. Ministru."

L-ewwel ilment tal-appellant fir-rikors tal-appell hu illi kien relevantissimu l-fatt illi kull ma ngab mill-konvenuti a formali konjizzjoni tal-Qorti dwar in-nomina tal-kontrollur konvenut hija l-pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern imsemmija mill-atturi msemmija fl-istess citazzjoni. Osservazzjoni din gusta fir-rigward tal-fatt illi l-process hu skarn minn kull prova biex jigu decizi t-talbiet attrici. Dan sal-punt li din il-Qorti setghet facilment tiddisponi mill-kawza billi tghid illi l-ebda provi ma ngiebu in sostenn ta' dawk it-talbiet. Hemm pero' verbal komuni tal-Avukati tal-kontendenti illi ddikjaraw illi l-mertu kien wiehed li jinvesti biss punt ta' dritt li ma kien jinhtieg l-ebda xorta ta' sostenn ta' prova. Hu pero' sorprendenti kif l-atturi lanqas dehrilhom mehtieg illi jipprezentaw kopja tal-avviz legali li huma kienu qed jimpunjaw tant li din giet ipprezentata mill-appellat Bonello in sostenn tal-eccezzjonijiet tieghu. Li hu aktar gravi – u dan jidher car mill-osservazzjonijiet li l-Qorti sejra taghmel iktar 'l isfel – hu l-fatt illi hadd mill-kontendenti ma deherlu opportun illi :-

1. Jipprezenta kopja tal-avviz legali li bih kien gie nnominat l-ewwel kontrollur tas-socjeta' konvenuta l-Avukat Dottor Carmelo Mifsud Bonnici.

2. Ma ngiebet l-ebda prova permezz tal-Onorevoli Ministru tal-Finanzi jew rapprezentant tieghu tat-test tan-nomina kemm tal-ewwel kontrollur kif ukoll tat-tieni kontrollur l-appellat Bonello. Dan qed jinghad ghaliex kellu jigi sewwa apprezzat x'kien verament l-import tal-avviz legali numru 654 datat 5 ta' Novembru 1985.

Din il-Qorti taghmel fir-rigward is-segwenti osservazzjonijiet :-

(a) Kif sewwa ikkonsidrat l-ewwel Qorti l-avviz taht ezami hu biss mezz ta' informazzjoni li bih l-amministrazzjoni pubblika kienet tenuta tinforma lill-pubbliku b'nomini li tkun ghamlet taht l-Att dwar il-Kummerc Bankarju. L-avviz legali ma kienx allura n-nomina fiha nnifisha. Ma kienx allura mehtieg li jkun jinkludi l-elementi kollha li dwarhom l-appellant qed jinsisti fid-dikjarazzjoni tieghu. Dan hu ferm evidenti mid-dicitura tal-istess avviz legali illi twassal ghall-attenzjoni tal-pubbliku dak li fil-fatt il-Ministru tal-Finanzi kien diga' precedentement ghamel. F'dan il-kuntest allura kienet tkun essenzjali u rrilevanti d-dicitura tan-nomina nnifisha li pero' ma tirrizultax mill-atti.

(b) Minn barra dan hu wkoll evidenti mid-dicitura tal-istess avviz legali illi n-nomina tal-kontollur Bonello kienet wahda sostituttiva ghal dik tal-kontrollur ta' qablu l-Avukat Dottor Carmelo Mifsud Bonnici li kien talab biex ma jkomplix b'dik l-istess nomina. Kien allura car illi filwaqt illi bl-avviz legali in kwistjoni l-pubbliku kien gie avzat illi l-konvenut Bonello "kien qieghed jassumi s-setghat, il-funzjonijiet u d-dmirijiet kontemplati taht l-artikolu 18 tal-Att tal-1970 dwar il-kummerc bankarju" u dana bl-eskluzzjoni ta' kull persuna ohra, allura inkluz l-Avukat Mifsud Bonnici li ssostitwixxa, dan l-istess kontrollur Bonello kien qieqhed jissubentra fl-istess nomina u fl-istess kariga li kellu l-predecessur tieghu. Kien ikun allura ferm importanti ghal fini tad-determinazzjoni tal-kawza li jigi stabbilit ukoll bi precizzjoni u b'referenza awtentika x'kienu t-termini tan-nomina tal-istess Avukat Mifsud Bonnici. Naturalment fl-atti tal-kawza f'dan ir-rigward ma jirrizulta xejn bhala prova prodotta direttament mill-kontendenti.

(c) Hemm prova indiretta li tista' tkun ta' xi relevanza ghall-mertu fil-konsiderandi li ghamlet il-Qorti tal-Kummerc tat-3 ta' Awissu 1989 fl-ismijiet "l-Avukat Giovanni Bonello bhala mandatarju ad hoc tal-assenti Avukat Michele Martone vs Emanuel A. Bonello bhala kontrollur tas-socjeta' Malta and Europe Hotels Limited" li fihom il-Qorti hekk iddeliberat "B'avviz mahrug fil-gazzetta tal-Gvern tal-11 ta' Settembru 1974, il-Ministru tal-Finanzi u d-Dwana ordna lil Dottor Carmelo Mifsud Bonnici LLD allura gja' kontrollur tal-Bank of Industry, Commerce and

Agriculture Limited (Bical) li l-kummerc bankarju tieghu kien gie sospiz minhabba d-diffikutaljiet finanzjarji li fihom kien jinsab il-Bank "ikollu s-setghat, l-funzjonijiet u d-dmirijiet kollha" tal-kumpanija Malta and Europe Hotels Limited (aktar 'l isfel imsejha l-kumpanija) "kemm ezercitabbli minn dik il-kumpanija" f'laqgha generali kif ukoll mill-Bord tad-Diretturi jew minn kull persuna ohra ……". Dikjarazzjoni ta' fatt din li donnu tistabbilixxi salv prova kontrarja illi l-Avukat Mifsud Bonnici kien gie nominat fil-kapacita' tieghu ta' kontrollur tal-Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited (Bical). Dan il-fatt, li fl-ahhar mill-ahhar hu ta' notorjeta pubblika, jirrispondi ghall-hafna rekwiziti ta' natura procedurali sollevati mill-appellant. Jibqa' pero' zgur illi n-nomina tal-konvenut Bonello kienet marbuta man-nomina tal-kontrollur precedenti li ghalkemm kienet qed tigi kontestata l-azzjoni separata ghall-fini <u>ta' din il-kawza</u> kellha tittiehed li kienet wahda valida billi tali mertu ma kienx quddiem din il-Qorti. Inoltre l-fatt illi fin-notifikazzjoni impunjata ma kienx hemm inkluzi dettalji illi fil-fehma tal-appellant kienu essenzjali ghan-nomina tal-kontrollur dan bl-ebda mod ma kien ifisser illi tali cirkostanzi essenzjali ma setghux jirrizultaw mit-termini tal-istess nomine jew anke aliunde. Li kien essenzjali hu biss illi fin-nomina tal-kontrollur l-Onorevoli Ministru tal-Finanzi jkun osserva d-dettami tal-ligi billi assigura li tali nomina kienet mehtiega skond kif jispecifika l-artikolu 18 tal-Att fid-diversi incizi u sub incizi tieghu. F'dan ukoll l-operat tal-konvenut Ministru tal-Finanzi kien soggett li jigi sindikat mill-Qrati fuq talba ta' parti interessata li <u>tikkontesta n-nomina</u>. Fil-kaz taht ezami

pero' kif jirrizulta car mill-premessi tat-talbiet attrici l-atturi qeghdin jikkontestaw biss in-notifikazzjoni msemmija billi fil-fehma taghhom "ma tissodisfax il-vot tal-ligi ghaliex hi nieqsa minnha nnifisha minn dawk ir-rekwiziti li awtorizzaw lill-Onorevoli Ministru johrog ordni simili ghal dak li hareg".

L-azzjoni attrici ma tattakkax allura n-nomina fiha nnifisha. Tattakka t-termini tan-notifikazzjoni in kwantu "hija nieqsa mir-rekwiziti essenzjali skond il-ligi" u per konsegwenza titlob dikjarazzjoni illi l-ordni hija ineffikaci, nulla u bla effett fil-ligi in kwantu moghtija fl-istess notifikazzjoni. L-ekwiparazzjoni tan-notifikazzjoni mal-ordni u man-nomina hi, fil-fehma tal-ewwel Qorti u wkoll fil-fehma ta' din il-Qorti zbaljata, u l-azzjoni kif proposta allura ma setghatx tigi sostnuta. Naturalment jeddijiet ohra ta' azzjoni kompetenti lill-atturi fuq l-istess mertu jibqghu ghal kollox impregudikati.

Ghal dawn il-motivi, u ghall-motivi wkoll dedotti fil-motivazzjoni tal-ewwel Qorti, l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata. L-ispejjez tal-prima'istanza kellhom jibqghu kif mill-ewwel Qorti decizi. Dawk ta' dan l-appell kellhom ikunu kollha a karigu tal-appellant Avukat Dottor Malcolm Pace proprio et nomine.

Dep/Reg

mg